Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi)

vs

Albano Grima

Illum 4 ta’ Dicembru, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Albano Grima, iben il-mejjet Joseph u Carmen nee’ Spiteri, imwieled Zebbug Malta fl-14 ta’ Gunju, 1969 u detentur ta’ karta tal-identita Nru. 245769(M) li permezz taghhom gie akkuzat talli f’dawn il-gzejjer f’dawn l-ahhar snin b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’rizuluzzjoni wahda;

U talli fit-18 ta’ Novembru, 1997 u fiz-zmien ta’ qabel f’Malta, ikkommetta serq ta’ hwejjeg u flus kostanti minn

hanut tal-hwejjeg maghruf bhala “Akwino’ sitwat is-Siggiewi a detriment ta’ Benjamin Aquilina mis-Siggiewi, liema serq hu kwalifikat, bil-vjolenza, bi ksur, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000) u dan ai termini tal-Artikoli 261, 262, 264, 267, 270, 278, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien u cirkostanzi, xjentment f’Malta laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehduda b’qerq, jew akkwistati b’reat jew xjentment b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe’ l-imsemmija hwejjeg u flus kostanti, ta’ valur li jeccedi l-elf lira Maltin (LM1000), a detriment ta’ Benjamin Aquilina mis-Siggiewi, ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli f’April 1999 u fix-xhur ta’ qabel, f’Malta, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, billi wahhal set ta’ number plates foloz (KAC-273) fuq vettura tal-ghamla ‘Fiat Ritmo’ (numru ta’ registrazzjoni mhux maghruf), ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9, tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-xazi tal-vettura tal-ghamla ‘Fiat Ritmo’ (numru tar-registrazzjoni mhux maghruf), u minfloku wahhal numru tax-xazi ta’ vettura ohra tal-ghamla ‘Fiat Ritmo’ (numru tar-registrazzjoni KAC-273), ai termini tal-Artikoli 189 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli sar recidiv b’diversi sentenzi datati 11/02/91 awla 1, 21/02/91 awla 9, 22.04.92 Awla F, definittivi u li ma jistghux iktar jigu mibdula;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-27 ta’ Dicembru, 2000 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hekk mahsub :

Fl-Artikoli 261 (a)(b)(c)(g), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 330, 281, 334, 188, 189, 289, 49, 50, 31, 20, 17(b), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali u semghet l-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Rat illi ghalkemm il-kawza giet differita fit-18 ta' Jannar 2001 ghall-provi tad-difiza sal-20 ta' Lulju, 2001 l-imputat baqa ma ressaq l-ebda provi in difiza u dana minkejja l-fatt illi l-Qorti kienet wissietu fis-seduta precedenti, cioe' fis-27 ta' April, 2001 illi l-kawza kienet sejra tigi differita ghal dakinhar, jigifieri ghall-20 ta' Lulju, 2001 ghall-provi tad-difiza ghall-ahhar darba b'dan illi jekk dakinhar ma kien ser jsir xejn il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha;

Illi ghalhekk il-Qorti rat illi l-imputat iddecieda illi ma iressaq l-ebda provi u ghaldaqstant ser ikollha bil-fors toqghod fuq il-provi tal-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi f'Novembru 1997 waqt investigazzjoni li kienet qeghda issir mill-pulizija, il-pulizija kienu sabu lil certu Joseph Mangion ammont ta' hwejjeg illi kienu jidhru li kienu ghadhom godda.  Minn aktar stharrig kien irrizulta li dawn il-hwejjeg kienu ghadhom kif gew misruqa minn hanut tal-hwejjeg bl-isem "Aquino" sitwat fi Triq l-Ghid, Siggiewi fil-31 ta' Ottubru, 1997.

Illi l-pulizija stabbilit ukoll illi l-imputat fuq imsemmi kellu fil-pussess tieghu xi zmien qabel hwejjeg minn dan l-istess lot u mill-istess lot li kellu Joseph Mangion u irrizultalha wkoll lil pulizija illi l-imputat kien biegh xi whud minn dawn il-hwejjeg lil certa Rita Gouder, kif ukoll lil Sandro Vella.  Il-Pulizija ghamlet tfittxija fil-fond ta' Rita Gouder 185, Triq San Pawl, Valletta u hemm hekk sabet madwar tlettax-il qalziet ta' taht imhalltin tal-irgiel u tan-nisa, zewg tracksuits, tmien T-shirts ta' kuluri differenti u qalziet tan-nisa illi skond Rita Gouder kienet xtrathom minghand l-imputat fuq imsemmi ghall-prezz ta' hmistax il-lira (LM15).

Illi minn tfittxija li l-pulizija ghamlet ghand Sandro Vella fir-residenza tieghu fi Triq Balbi il-Marsa il-pulizija sabet tlett T-shirts, sweater u tracksuit, qalziet tat-tracksuit u zewg qliezet ta' taht, liema hwejjeg Sandro Vella qal illi kien

xtrahom minghand l-imputat fuq imsemmi ukoll ghall-prezz ta' hmistax il-lira (LM15).

Illi l-pulizija sussegwentement tkellmet mal-imputat fuq imsemmi illi beda jikkoppera mal-pulizija u qalilhom illi fil-31 ta’ Ottubru, 1997 kienu marru ghand omm Sandro Degabriele, sabiex ihalli t-tifel z-zghir tieghu ghandha. L-imputat qal lill-pulizija li huma u sejrin lura iddecidew li jieqfu hdejn il-hanut tal-hwejjeg u sussegwentement dahlu fih u serqu ammont ta’ hwejjeg u anke xi sigaretti u xi flus kontanti. L-imputat qal ukoll lill-pulizija li fil-karozza kien hemm prezenti certa Lorraine Grima u certu Joseph Mangion flimkien ma Sandro Degabriele. Huwa qal lill-pulizija illi hu u Lorraine Grima baqghu fil-karozza sa meta Joseph Mangion u Sandro Degabriele dahlu jisgassaw il-hanut u serqu l-hwejjeg imsemmija. Il-pulizija sussegwentement irceviet informazzjoni illi l-imputat kien qieghed jaghmel uzu minn Fiat Ritmo bin-numru tar-registrazzjoni KAC 273 illi x’aktarx kellha l-pjanci tan-numru tar-registrazzjoni mibdula u ffalsifikati. Meta gie infurmat b’hekk l-imputat kien gie bil-karozza u sussegwentement il-pulizija kienet spezzjonat il-vettura tal-imputat u mill-ispezzjoni irrizulta li din il-vettura kellha zewg numri tax-chassis differenti. In-numru li jkun stampat fil-body tal-

vettura ma kienx jaqbel man-numru li kien hemm fuq il-pjanca.

Illi minn aktar invetigazzjonijiet irrizulta lill-pulizija li l-imputat fuq imsemmi kien xtara vettura tal-istess ghamla Fiat Ritmo minghand certu John Sciriha u xi zmien wara, dejjem skond ma qal l-imputat kienet waqfitlu l-vettura, ma baqghatx tahdem u ghalhekk kien xtara vettura ohra illi kienet skrappjata minghand certu Joseph Debattista maghruf bhala l-'Bloqq' u din il-karozza kellha n-numru D9885. L-imputat qal lill-pulizija li huwa uza l-body ta' din il-vettura u r-registrazzjoni u n-numru tal-identita tal-vettura l-ohra, jigifieri dik li kien xtara precedentement. Ghalhekk f'dan l-istadju l-Ispettur Maurice Curmi xehed illi huwa zamm il-karozza d-Depot ghal aktar investigazzjonijiet u irrizulta li l-karozza li l-imputat kien xtara minghand Joseph Debattista kienet giet skrappjata fi Frar tas-sena 1999.

Illi l-Ispettur Maurice Curmi kompla jixhed illi Lorraine Grima kienet ikkonfermat mal-pulizija illi Rita Gouder kienet ohtha u ikkonfermat ukoll, illi l-imputat fuq imsemmi kien mar ghand ohtha u kien bieghelha dawn il-hwejjeg imsemmija u kien anke mar ghand Sandro Degabriele ghaliex Lorraine

Grima kienet dejjem fil-kumpannija tal-imputat u b'hekk allura taf b'dawn il-fatti kollha.

Illi l-pulizija irnexxiela tirrikupera l-hwejjeg misruqa u dawn eventwalment gew ukoll esebiti f'dawn il-proceduri.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fil-11 ta' Jannar, 1999 fl-4.00p.m. u meta gie mistoqsi dwar is-serqa mill-hanut tal-hwejjeg fis-Siggiewi bl-isem "Akwino" li saret fil-31 ta' Ottubru, 1997 qal illi hu, Sandro Degabriele, Lorraine Grima u Joseph Mangion kienu marru bit-tifel iz-zghir ta' Lorraine u Sandro ghand omm Sandro li toqghod fi flat tal-Gvern is-Siggiewi biex izzommulhom ghandha u wara li telqu minn hemm u kienu ghaddejjin minn quddiem bieb ta' garaxx li kellu miktub fuqu l-kelma "Adidas", Sandro kien qal, "dan tajjeb". L-imputat dejjem fl-istqarrija li ta lill-pulizija qal lil Sandro, "Imxi imorru 'l hemm" u telqu u wara ftit Sandro qallu, "Ipparkja ftit hawn hekk". Umbaghad Sandro u Joseph Mangion hargu mill-karozza u wara xi nofs siegha regghu gew lura bl-affarijiet misruqa inkluz il-hwejjeg li l-imputat gharaf fl-ufficju tal-Ispettur Curmi. L-imputat qal illi sa fejn jaf hu Sandro u Joseph serqu biss hwejjeg u dawn il-hwejjeg gew maqsuma bejniethom. Mistoqsi jekk bejghx minn dawn il-hwejjeg huwa wiegeb illi

Lorraine bieghet minnhom lil ohtha Rita u lil Sandro Vella. Mistoqsi kemm dahlu flus tal-hwejjeg li bieghu hu qal illi ma jafx, pero' jahseb illi dahlu xi zewg liri kull bicca li bieghu. Mistoqsi x'ghamlu meta dahlu fil-hanut tal-hwejjeg l-imputat qal illi huwa m'ghamel xejn ghaliex ma marx maghhom. L-imputat stqarr ukoll illi huwa kien zamm xi bicctejn hwejjeg ghalih u kien hallihom id-dar. Umbaghad wara li kien il-habs ma jafx x'sar minn dawn il-hwejjeg. Mistoqsi jekk qatt xi darba halla xi hwejjeg minn dawn fil-flat ta' omm Sandro Degabriele l-imputat qal illi huwa dan qatt ma ghamlu u li l-hwejjeg li sabet il-pulizija ghand Sandro huma ta' Sandro u mhux tieghu, jigifieri tal-imputat. L-imputat qal illi meta kienu iddecidew illi jidhlu fil-hanut tal-hwejjeg u jisirqu l-hwejjeg il-karozza li kienu qeghdin juzaw kienet tal-ghamla Mazda 323 antika ta' lewn orange skur u kienet mikrija minghand Charlie tat-Toby li jsibuh ukoll bhala "Maradona". L-imputat qal illi lil Rita huma ma kienux qalulha minn fejn kienu gabu l-hwejjeg, pero' Sandro Vella kien jaf ghaliex kienu qalulu illi l-hwejjeg kienu misruqa.

Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja stqarrija ohra lill-pulizija din id-darba datata 29 ta' April, 1999 fejn ammetta illi kien minnu illi l-pjanca fuq il-vettura tieghu Fiat Ritmo li huwa xtara minghand certu John Sciriha kellha in-numru tax-

chassis stampat fuq il-magna taghha li ma jaqbilx man-numru tax-chassis illi kien jidher fuq pjanca imwahhla mal-istess vettura. Huwa spjega illi wara xi hamest ijiem minn meta xtara din il-vettura kien induna li din il-vettura kienet maqsuma. Huwa ftakar illi lil John Sciriha kien qallu b'dan u Sciria kien qallu li dak ma kien xejn. Xi ftit wara l-imputat stqarr illi marritlu l-"gearbox" u telaq il-karozza taht hajt fi Triq Strada Forni il-Belt Valletta u umbaghad xtara il-vettura l-ohra minghand certu wiehed jghidulu l-Bloq, second hand dealer Hal-Qormi ghal ghoxrin lira (LM20). L-imputat qal illi l-Bloq talbu erbghin lira (LM40) u huwa tah ghoxrin lira (LM20). Huwa qal ukoll illi din il-karozza kienet fi Triq li taghti ghal Wied ta' Hal-Qormi, staqsa ta' min kienet u qalulu li kienet tal-Bloq u kien ghalhekk illi mar ghand il-Bloq li kien bejghielu. Ma ghamilx transfer tal-vettura li kien xtara minghand il-Bloq ghaliex ma kienx hemm pjanci fiha u l-Bloq qallu li kienet skrapjata. L-imputat qal ukoll illi mal-vettura ma kienx hemm numri ta' registrazzjoni u ftakar illi l-Bloq kien qalluli kien ghadu kemm halsilha madwar disgha licenzji b'lura u umbaghad skrapjaha. L-imputat kompla jghid illi kien talab lil xi hadd biex igiblu din il-karozza u hadha l-Belt fejn kien joqghod. Umbaghad ipprova jistartjaha u startjat u peress li ma kienx fiha pjanca bin-numru tax-chassis, huwa qala l-pjanca bin-

numru tax-chassis ta' dik il-vettura li kien xtara precedentement minghand John Sciriha u wahhlu fuqha. Pero' apparti minn hekk huwa ma kienx bidel il-magna tal-vettura. Kull ma bidel kienu l-bibien. Huwa qal illi ghamel dan kollu minhabba ix-chassis. Mistoqsi ghalfejn hass il-htiega li jibdel in-numru tax-chassis minn vettura ghall-ohra qal illi hu ghamel hekk peress illi l-vettura li xtara minghand il-Bloq ma kellhiex numru tax-chassis u allura issa ghandha numru. L-imputat stqarr ukoll illi huwa kien bidel ukoll in-numri tar-registrazzjoni u l-licenzja tat-triq minn vettura ghal ohra u qal illi n-numri tar-registrazzjoni u l-licenzja tat-triq qalaghom minn fuq il-vettura li kien xtara minghand John Sciriha u wahhalhom fuq il-vettura li kien xtara il-Bloq.

Illi xehed Brian Farrugia rapprezentant tal-Licencing Office u qal illi l-vettura numru ta' registrazzjoni KAC 273 tal-ghamla Fiat Ritmo issejjah lil certu Herman Pisani u ilha hekk issejjahlu mit-18 ta' Gunju 1997. Qablu din il-vettura kienet issejjah lil certu Carmel sive Charles Galea. Illi dwar il-vettura KAC 273 Brian Farrugia qal illi mill-istess ricerka illi ghamel irrizultalu illi precedentement din il-vettura kellha numru ta' registrazzjoni iehor illi kien N7368. Ix-xhud kompla jghid li l-vettura Fiat Ritmo numru tar-registrazzjoni D9885 ta' lewn blue kienet issejjah lil Tonna Auto Dealers u

precizament lil certu Mario Tonna. Huwa qal illi din il-vettura giet skrappjata fis-26 ta' Frar, 1999. Din il-vettura kienet ilha issejjah lil Mario Tonna mit-23 ta' Mejju, 1997.

Illi xehed Joseph Debattista u qal illi huwa gieli ibiegh xi vettura u illi recentement ghall-habta ta' Novembru 1999 kien skrappja vettur Fiat Ritmo. Kien ra l-imputat u kien talabhielu u b'hekk ix-xhud qal illi hu qal lill-imputat biex jehodha u jaghtih kemm ried taghha. L-imputat qallu naghtik tletin lira (LM30). Naghtik ghoxrin lira issa u ghaxar liri aktar tard. Illi skond Debattista l-imputat kien qallu illi kellu bzonn din il-vettura ghal xi bibien u ghal xi spareparts ohrajn peress illi kellu vettura ohra bhalha u ried izarmaha. Ix-xhud kompla jghid illi l-magna kienet tajba u l-vettura kienet bla numri jigifieri kienet giet skrappjata. Mistoqsi mill-Qorti ghall-fatt illi la darba il-vettura kienet qabdet, allura il-magna kienet tahdem u ghalhekk la darba l-vettura kienet tahdem kif seta kien illi l-vettura kienet tiswa biss tletin lira (LM30) ix-xhud irrisponda billi qal illi illum il-gurnata il-parts ma igibu xejn u li kieku l-vettura ma kienitx skrapjata hija setghet tinsaq fit-triq. Ix-xhud kompla jghid illi l-vettura kien xtraha minghand Ronnie Tonna Auto Dealers ghall-prezz ta' mija u hamsin lira (LM150). Huwa qal illi halla l-vettura xi sena u nofs biex jara x'kien ser jaghmel

biha, hallsilha il-licenzja b'lura, umbaghad skrappjaha. Mistoqsi mill-Qorti ghalfejn hallas is-somma ta' mija u hamsin lira licenzji b'lura, umbaghad ta lill-imputat ghas-somma misera ta' tletin lira ix-xhud irrisponda li ghamel hekk minflok ihalli l-vettura barra t-triq.

Illi xehed l-Ispettur Joseph Valletta u ra a fol. 89 tal-process sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Fritz Micallef, Albano Grima u Anthony Cremona datata 11 ta' Frar, 1991 u qal illi huwa kien l-Ufficjal Investigattiv u kif ukoll l-Ufficjal Prosekutur u gharaf lill-imputat bhala l-istess Albano Grima imsemmi f'dawk il-proceduri.

Illi xehed John Sciriha u qal illi kien bejgh lill-imputat fuq imsemmi vettura Fiat Ritmo xi sentejn qabel id-9 ta' Marzu tas-sena 2000 ghall-prezz ta' hames mitt lira (LM500). Huwa qal illi l-logbook tal-vettura ghadu ghandu peress illi l-imputat qatt ma kien ghamel it-transfer.

Illi l-Qorti rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju tas-sena 2000 illi permezz tieghu id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-provi tal-identita tal-imputat fir-rigward tas-sentenzi esebiti a fol. 83 et seq tal-process.

Illi xehed Herman Pisani u qal illi l-imputat fuq imsemmi ma jafux, qatt ma kien rah qabel.  Huwa xehed illi d-dealer kien Charlie ta' l-Strand u illi huwa kien silef il-karozza tieghu lil certu Roderick Gauci li huwa habib kbir tieghu li forsi juzaha xi darba biss.  Ix-xhud kompla jghid illi meta ta l-vettura lil Charlie ta' l-Strand ma kienitx f'kundizzjoni tajba peress li kienet inqasmitilha ix-Chassis, ma kienitx tista timxi, kont tista tistartjaha, imma ma tistax tinstaq peress li kienet tinnokja.

Illi xehdet Rita Gouder u qalet illi madwar tlett snin qabel Novembru tas-sena 2000 kienu gew il-pulizija d-dar taghha u kienu sabu xi hwejjeg li kienu qalu li kienu misruqin.  Ix-xhud kompliet tghid illi kien gie ghandha l-imputat, li huwa r-ragel ta' ohtha u gie ghandha flimkien ma ohtha id-dar. Huma gew ghandha b'xi boroz u qalulha li kienu xtraw xi hwejjeg minghand xi persuni ta' nazzjonalita Gharbija u kienu gew biex ibieghuhom lilha.  Rita Gouder kompliet tixhed li hija xtrat dawn il-hwejjeg jew ghall-prezz ta' hmistax il-lira jew inkella ghal hamsa u ghoxrin lira u x'kienet xtrat ezattament minghandhom ma tiftakarx, pero' jidhrilha illi kien hemm xi hwejjeg tat-tfal.  Hija qalet li ma kienet tiftakar xejn aktar.

Ikkunsidrat :

Illi mill-provi kollha prodotti minn imkien ma irrizulta illi l-imputat fuq imsemmi ikkommetta serq ta’ hwejjeg u flus kontanti minn hanut ta’ hwejjeg maghruf bhala “Akwino” sitwat is-Siggiewi a detriment ta’ Benjamin Aquilina mis-Siggiewi kif dedott fl-ewwel imputazzjoni. Jirrizulta pero’ u dan fuq ammissjoni tal-istess imputat fl-istqarrija illi huwa irrilaxxja lill-pulizija illi l-istess imputat huwa hati ta’ ricettazzjoni u dana peress illi l-imputat ammetta illi kien accetta l-istess oggetti misruqa minghand Sandro Degabriele u Joseph Mangion illi dahlu jaghmlu s-serqa waqt illi l-imputat qaghad jistennihom fil-karozza.

Illi inoltre l-imputat ammetta wkoll fl-istqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija illi huwa wahhal sett ta’ number plates foloz fuq vettura tal-ghamla Fiat Ritmo, kif ukoll illi kien ghamel falsifikazzjoni jew ghamel uzu minn dokument iehor falsifikat billi hassar u biddel in-numru tax-chassis tal-vettura tal-ghamla Fiat Ritmo u minfloku wahhal numru ta’ chassis ta’ vettura ohra wkoll tal-ghamla Fiat Ritmo pero’ b’numru ta’ registrazzjoni differenti.

Illi dwar l-akkuza tar-recidiva huwa minnu illi l-imputat huwa recidiv, pero' ma japplikawx id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 50 tal-Kap. 9 u dana peress illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta inghatatlu l-ahhar sentenza sad-data ta' meta ikkommetta r-reati in kwistjoni. Ghaldaqstant f'dan il-kaz il-Qorti mhijiex sejra tgholli l-piena fil-konfront tal-imputat odjern.

Illi in rikapitulazzjoni il-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba u l-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, filwaqt illi tilliberrah mill-ewwel imputazzjoni peress illi din ma gietx ippruvata u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota tar-Rinviju tal-Avukat Generali tas-27 ta' Dicembru tas-sena 2000, kif ukoll l-Artikoli 279, 280, 17 u 533 tal-Kap. 9.

Il-Qorti ikkonsidrat ghall-fini ta' piena il-fatt illi r-"re furtiva" giet rikuperata mill-pulizija u ghalhekk tista tinghata lil sidha. Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat fuq imsemmi ikkoppera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni tant illi ammetta kollox fl-istqarrijiet illi irrilaxxja lill-pulizija.

Illi ghalhekk il-Qorti tara illi jkun aktar ta' beneficcju kemm ghall-imputat kif ukoll ghas-socjeta' in generali jekk l-

imputat jinghata <u>l-ahhar opportunita</u> sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba u ghalhekk il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilta tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul dan il-perjodu ta' prigunerija sospiza.

Il-Qorti finalment tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz u dana fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur tal-Qorti.  Il-Qorti, fuq talba tad-difiza, takkorda lill-hati zmien sena minn meta jigi hekk interpellat sabiex ihallas is-somma dovuta permezz ta' tnax-il pagament rateali mensili, b'dan illi ghandhom japplikaw id-desposizzjonijiet tal-Artikolu 14 tal-Kap. 9 jekk il-hati jonqos milli jhallas anke pagament wiehed biss.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur